SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

1 ta' Awwissu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri,ażil u immigrazzjoni – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2008/115/KE – Standards u proċeduri komuni applikabbli fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Il-punti 4 u 6 tal-Artikolu 3, l-Artikolu 7(1) u (4), l-Artikolu (1) u (2), l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 13 – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea– Deċiżjoni ta' ritorn – Nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju – Projbizzjoni ta' dħul – Att amministrattiv li jista' jiġi kkontestat – Saħħa eżekuttiva ta' deċiżjoni ta' ritorn mingħajr dispożizzjoni dwar dan it-terminu – Dritt għal rimedju effettiv – Deċiżjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul adottata wara terminu sinjifikattiv"

Fil-kawżi magħquda C-636/23, [Al Hoceima][i] u C-637/23 [Boghni] [i],

li għandha bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa rispettivament mir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju, bil-lingwa Olandiża) u mill-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju, bil-lingwa Franċiża), permezz ta' deċiżjonijiet tas-16 ta' Ottubru 2023, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ottubru 2023, fil-proċeduri

W

vs

Belgische Staat (C-636/23),

u

X

vs

État belge, irrappreżentat mis-secrétaire d'État à l'Asile et la Migration (C-637/23)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, D. Gratsias, E. Regan, J. Passer (Relatur) u B. Smulders, Imħallfin,

* Lingwi tal-kawża: il-Franċiż u l-Olandiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal X, minn M. Demol, avocat,

– għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs, C. Pochet u M. Van Regemorter, bħala aġenti, assistiti minn T. Bricout, avocate,

– għall-Gvern Ċek, minn A. Edelmannová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u A. Hoesch, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Katsimerou u S. Noë, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-punti 4 u 6 tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 7(1) u (4), tal-Artikolu 8(1) u (2), tal-Artikolu 11(1) kif ukoll tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98), moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn W (C-636/23) u X (C-637/23), it-tnejn li huma ċittadini ta' pajjiż terz, u l-Belgische Staat (l-Istat Belġjan) rispettivament u l-État belge (l-Istat Belġjan) dwar ordni għat-tluq mit-territorju u projbizzjoni ta' dħul.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2, 6 10, 11 u 14 tad-Direttiva 2008/115 huma fformulati kif ġej:

"2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 sejjaħ għat-twaqqif ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni, mibnija fuq standards komuni, għar-ritorn ta' persuni b'mod uman u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom.

[…]

(6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta' soġġorn illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-UE, deċiżjonijiet meħuda skond din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li l-konsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' soġġorn illegali. […]

[…]

(10) Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed għandu jaħseb li dan ikun se jimmina l-iskop tal-proċedura tar-ritorn, għandu jkun ippreferut ir-ritorn voluntarju aktar milli ritorn bil-forza, u għandu jingħata żmien għat-tluq volontarju. Sabiex jippromwovu r-ritorn volontarju, l-Istati Membri għandhom jipprevedu aktar assistenza u pariri fir-rigward tar-ritorn u jagħmlu l-aħjar użu mill-possibiltajiet ta' finanzjament rilevanti offruti taħt il-Fond Ewropew għar-Ritorn.

(11) Għandu jiġi stabbilit sett minimu ta' salvagwardji legali dwar deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva ta' l-interessi ta' l-individwi konċernati. […]

[…]

(14) L-effetti ta' miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn għandhom jingħataw dimensjoni Ewropea billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li jimpedixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri kollha. […]"

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni [direttiva] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz - kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat - għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

[…]

6) ‘projbizzjoni fuq id-dħul’ tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta’ l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta’ ritorn;

[…]”

5 Skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva:

“L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta’ ritorn għal ċittadin ta’ pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.”

6 L-Artikolu 7 ta’ din id-direttiva, intitolat “Tluq volontarju”, jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 4 tiegħu:

“1. Id-deċiżjoni ta’ ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta’ bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-leġislazzjoni nazzjonali li tali perijodu għandu jingħata biss wara applikazzjoni taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat. F’dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi konċernati dwar il-possibbiltà li jippreżentaw tali applikazzjoni.

Il-perijodu ta’ żmien previst fl-ewwel subparagrafu ma jeskludix il-possibbiltà li ċ-ċittadini ta’ pajjiż terz konċernati jitilqu qabel.

[…]

4. Jekk ikun hemm riskju ta’ ħarba, jew jekk applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda għax kienet bla bażi jew ibbażata fuq frodi jew jekk il-persuna konċernata tippreżenta riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ma jagħtux perijodu ta’ żmien għat-tluq volontarju, jew jistgħu jagħtu perijodu iqsar minn sebat ijiem.”

7 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/115, intitolat “Tneħħija”, tipprovdi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta’ ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7(4) jew jekk l-obbligu ta’ ritorn ma jkunx ġie rispettat f’dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7.

2. Jekk l-Istat Membru jkun ta perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7, id-deċiżjoni ta’ ritorn tista’ tiġi nfurzata biss wara li l-perijodu jkun intemm, sakemm ma jirriżultax riskju matul dan il-perijodu, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4).”

8 L-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Projbizzjoni fuq id-dħul”, jipprevedi, fl-paragrafu 1 tiegħu:

“Deċiżjonijiet ta’ ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

b) jekk l-obbligu ta’ ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul."

9 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Forma", jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta' tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli."

10 L-Artikolu 13 tal-istess direttiva, intitolat "Rimedji", jipprevedi:

"1. Iċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza.

2. L-awtorità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq għandhom ikollhom is-setgħa li jirrivedu deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), inkluża l-possibbiltà li jiġi sospiż temporanjament l-infurzar tagħhom, dment li ma tkunx diġà applikabbli sospensjoni temporanja taħt il-leġislazzjoni nazzjonali.

3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jkollu l-possibbiltà li jikseb parir legali, rappreżentanza u, fejn meħtieġ, assistenza lingwistika.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali meħtieġa u/jew rappreżentazzjoni tingħata, meta mitluba, mingħajr ħlas skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew ir-regoli dwar għajnuna legali u tista' tipprovdi li assistenza legali mingħajr ħlas u/jew rappreżentazzjoni tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 15(3) sa (6) tad-Direttiva 2005/85/KE [tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (ĠU 2005, L 326, p. 13)]."

11 L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/115, intitolat, "Salvagwardji sakemm iseħħ ir-ritorn" jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni koperta fl-Artikoli 16 u 17, jiżguraw li safejn ikun possibbli jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-perijodu għal tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7 u matul perijodi li fihom it-tneħħija tkun ġiet posposta skond l-Artikolu 9:

(a) tinżamm l-għaqda tal-familja ma' membri tal-familja preżenti fit-territorju tagħhom;

(b) jingħataw kura tas-saħħa f'emerġenza u trattament essenzjali ta' mard;

(c) jingħata aċċess lill-minuri għas-sistema bażika ta' l-edukazzjoni soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

(d) jittieħed kont tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli."

Id-dritt Belġjan

12 L-Artikolu 1(1), (6) u (8) tal-loi du 15 décembre 1980 sur l'accès au territoire, le séjour, l'établissement et l'éloignement des étrangers (il-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin (*Moniteur belge* tal-31 ta' Diċembru 1980, p. 14584, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980"), li huwa intiż li jittrasponi l-punti 4 u 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, jaqra kif ġej:

"Għall-applikazzjoni ta' din il-liġi: għandu jiftiehem b'dawn:

[…]

6° deċiżjoni ta' tneħħija: id-deċiżjoni li tikkonstata l-illegalità tar-residenza ta' barrani u li timponi obbligu ta' ritorn;

[…]

8° projbizzjoni ta' dħul: id-deċiżjoni li tista' takkumpanja deċiżjoni ta' tneħħija u li tipprojbixxi, matul żmien determinat, id-dħul u r-residenza, jew fit-territorju tar-Renju, jew fit-territorju tal-Istati Membri kollha, li jinkludi dak tar-Renju."

13 Il-punti 1° u 3° tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta' din il-liġi, li huma intiżi għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115, jipprevedu:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli kontenuti fi trattat internazzjonali, ministru jew id-delegat tiegħu, jista', jew fil-każijiet previsti fil-punti 1°, 2°, 5°, 9°, 11° jew 12°, il-ministru jew id-delegat tiegħu għandhom jagħtu lill-barrani, li ma huwiex awtorizzat u lanqas aċċettat li jirrisjedi iktar minn tliet xhur jew li jistabbilixxi ruħu fir-Renju, ordni ta' tluq mit-territorju fi żmien determinat.

1° jekk jibqa' fir-Renju mingħajr ma jkollu d-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 2;

[…]

3° jekk, bl-aġir tiegħu, jitqies li jista' jikkomprommetti l-ordni pubbliku jew is-sigurtà nazzjonali".

14 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 39/56 tal-imsemmija liġi jipprevedi:

"Ir-rikorsi previsti fl-Artikolu 39/2 jistgħu jiġu ppreżentati quddiem [il-Kunsill] mill-barrani leż jew li għandu interess."

15 L-Artikolu 74/11 tal-istess liġi jittrasponi l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 u jipprevedi b'mod partikolari li ż-żmien tal-projbizzjoni ta' dħul għandu jiġi stabbilit b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari kollha ta' kull każ.

16 Skont l-Artikolu 74/14 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980:

"1. Id-deċiżjoni ta' tkeċċija għandha tipprevedi terminu ta' tletin jum sabiex jitlaq mit-territorju.

[…]

Fuq applikazzjoni mmotivata ppreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz quddiem il-ministru jew id-delegat tiegħu, it-terminu mogħti sabiex jitlaq mit-territorju, imsemmi fis-subparagrafu 1, jiġi estiż, jekk tiġi pprodotta l-prova li r-ritorn volontarju ma setax jitwettaq fit-terminu mogħti.

Jekk ikun neċessarju, dan it-terminu jista' jiġi estiż, fuq applikazzjoni mmotivata ppreżentata mressqa miċ-ċittadin ta' pajjiż terz quddiem il-ministru jew id-delegat tiegħu, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi partikolari tas-sitwazzjoni tiegħu, bħat-tul tar-residenza, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-finalizzazzjoni tal-organizzazzjoni tat-tluq volontarju u rabtiet familjari u soċjali oħrajn.

[…]

§ 2. Sakemm ikun għaddej it-terminu għat-tluq volontarju, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa protett mit-tneħħija forzata.

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ħarba matul dan it-terminu, il-ministru jew id-delegat tiegħu jista' jobbliga liċ-ċittadin ta' pajjiż terz iwettaq miżuri preventivi.

[…]

§ 3. Jista' jkun hemm deroga mit-terminu previst fil-paragrafu 1, meta:

1 jkun hemm riskju ta' ħarba jew

2 iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx osserva l-miżura preventiva imposta

3 iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali jew;

[…]

F'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' tneħħija tipprevedi jew terminu ta' inqas minn sebat ijiem, jew ebda terminu."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-636/23

17 W jiddikjara li huwa ta' nazzjonalità Marokkina. Fit-3 ta' Jannar 2015, id-delegat tas-Segretarju tal-Istat għall-Ażil u l-Migrazzjoni u għas-Simplifikazzjoni Amministrattiva adotta fir-rigward ta' W. ordni għat-tluq mit-territorju u projbizzjoni ta' dħul għat-tul ta' tliet snin. Fit-22 ta' Mejju 2019, W għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali quddiem l-awtoritajiet Belġjani. Fis-7 ta' Ġunju 2019, W kien ikkundannat mill-correctionele rechtbank Antwerpen (il-Qorti Kriminali ta' Antwerpen, il-Belġju) għal priġunerija ta' tmintax-il xahar, disa' xhur minnhom sospiżi għal ħames snin, għal ksur tal-leġiżlazzjoni dwar id-drogi. Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2019, il-Kummissarjat Ġenerali għar-Refuġjati u għall-Persuni Apolidi) irrifjuta li jagħti lil W l-istatus ta' refuġjat u l-protezzjoni sussidjarja.

18 Fit-18 ta' Lulju 2019, l-awtoritajiet Belġjani ħarġu ordni għat-tluq mit-territorju u imponew projbizzjoni ta' dħul għal perijodu ta' tmien snin fir-konfront ta' W, li dawn ġew ikkomunikati lilu fl-istess jum. Ma ngħata ebda terminu għat-tluq volontarju lil W, minħabba li kien jeżisti riskju ta' ħarba u li W kien jikkostitwixxi riskju għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà nazzjonali.

19 Permezz ta' rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2019, W mar quddiem ir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju), li huwa l-qorti tar-rinviju, b'rikors għal sospensjoni u għal annullament diretti kontra din l-ordni għat-tluq mit-territorju u din il-projbizzjoni fuq id-dħul.

20 Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, din il-qorti annullat l-imsemmija ordnijiet għat-tluq mit-territorju u projbizzjoni ta' dħul, billi qieset li W kien sostna ġustament li l-motivi tad-deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju kienu illegali. L-imsemmija qorti qieset, b'mod partikolari, billi rreferiet għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kull evalwazzjoni ta' riskju ta' ħarba għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tas-sitwazzjoni tal-individwu kkonċernat u li, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' periklu għall-ordni pubbliku ma kinitx motivata b'mod suffiċjenti. Skont l-istess qorti, l-indikazzjoni ta' terminu għat-tluq volontarju tikkostitwixxi element kostituttiv jew essenzjali ta' ordni għat-tluq mit-territorju. Għaldaqstant, hija annullat l-ordni għat-tluq mit-territorju inkwistjoni fl-intier tagħha.

21 L-Istat Belġjan ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) kontra din is-sentenza fir-rigward tal-annullament tal-ordni għat-tluq mit-territorju, iżda mingħajr ma kkontesta l-annullament tal-projbizzjoni fuq id-dħul.

22 Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Settembru 2022, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) annulla parzjalment is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, imsemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza, minħabba, b'mod partikolari, li l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju huwa sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin barrani kkonċernat, peress li ma għandux effett fuq il-konstatazzjoni ta' residenza irregolari fit-territorju kkonċernat.

23 Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha tiddeċiedi mill-ġdid dwar ir-rikors ta' W kontra l-ordni għat-tluq mit-territorju maħruġa fil-konfront tiegħu. F'dan il-kuntest, din il-qorti tistaqsi dwar jekk in-nuqqas ta' għoti ta' terminu għal tluq volontarju fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' ritorn għandux effettivament jitqies li jikkostitwixxi sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni, li ma tistax tiġi kkontestata, ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn, li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin barrani kkonċernat. L-imsemmija qorti tqis b'mod partikolari li, peress li n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju huwa inkluż f'deċiżjoni ta' ritorn u huwa mmotivat fiha, jidher neċessarju li jiġi previst rimedju effettiv kontra dan l-aspett ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn. Fil-fatt, skont l-istess qorti, soluzzjoni kuntrarja tista' tagħti lok għal sitwazzjonijiet li fihom il-bażi legali stess għall-ħruġ ta' projbizzjoni fuq id-dħul, jiġifieri l-fatt li ma ngħata ebda terminu għat-tluq volontarju, ma tistax tiġi kkontestata, peress li r-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) lanqas ma jaċċetta li, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat biss kontra projbizzjoni fuq id-dħul, motiv jista' jiġi żviluppat kontra n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għal tluq volontarju, b'mod partikolari għaliex dan huwa mezz kontra deċiżjoni oħra. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 jistabbilixxi li d-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul jekk ma jkun ingħata l-ebda terminu għat-tluq volontarju.

24 Peress li qieset li, wara s-sentenza tal-1 ta' Settembru 2022 tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), hija tinsab f'sitwazzjoni li fiha l-uniku att ikkontestat quddiemha huwa l-ordni għat-tluq mit-territorju kkonċernat, li ma jagħtix terminu għat-tluq volontarju, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-obbligu jew il-possibbiltà, għall-awtorità kompetenti, li tieħu deċiżjoni ġdida ta' projbizzjoni ta' dħul, u b'hekk tistaqsi jekk jistax ikun it-teħid ta' tali deċiżjoni anki wara li għadda terminu twil. Din il-qorti tixtieq, b'mod partikolari, tkun taf ukoll jekk in-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju, fil-kuntest tal-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn

deċiżjoni ta' ritorn, jikkostitwixxix element essenzjali ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn, b'tali mod li, jekk tiġi kkonstatata illegalità fir-rigward ta' dan it-terminu, l-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn tiskadi fl-intier tagħha u għandha tittieħed deċiżjoni ta' ritorn ġdida.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(4), tal-Artikolu 8(1) u (2) u tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva [2008/115], moqrija flimkien jew separatament fid-dawl tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, u tal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju jitqies bħala sempliċi modalità ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin barrani kkonċernat, peress li l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju ma jbiddel xejn mill-ewwel konstatazzjoni tar-residenza irregolari fit-territorju?

2) Jekk l-ewwel domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv, il-formulazzjoni 'li jakkumpanja' li tinsab [fil-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115] u l-formulazzjoni 'għandhom ikunu akkumpanjati minn' li tinsab fl-Artikolu 11(1) [ta' din id-direttiva], għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-awtorità kompetenti tista' jew għandha tadotta, ukoll wara li jgħaddi perijodu ta' żmien kunsiderevoli, projbizzjoni fuq id-dħul ibbażata fuq deċiżjoni ta' ritorn li ma tkunx tinkludi t-terminu għat-tluq volontarju:

   Jekk din id-domanda għandha tiġi risposta fin-negattiv, dawn il-formulazzjonijiet jimplikaw li deċiżjoni ta' ritorn, li ma tagħtix terminu għat-tluq volontarju, għandha tinkludi projbizzjoni fuq id-dħul simultanjament, jew f'terminu raġonevolment qasir?

   Jekk din id-domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv, id-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u mill-Artikolu 47 tal-[Karta], jimplika li tista' tiġi kkontestata fil-kuntest tal-appell kontra d-deċiżjoni ta' ritorn, il-legalità ta' deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju, jekk fin-nuqqas ta' dan, il-legalità tal-bażi legali tal-projbizzjoni fuq id-dħul ma tkunx tista' iktar tiġi utilment ikkontestata?

3) Jekk l-ewwel domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv, il-formulazzjoni 'għandha tipprevedi perijodu adegwat" tal-Artikolu7(1) u 'u […] l-obbligu ta' ritorn' tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dispożizzjoni dwar it-terminu, jew, fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' għoti ta' terminu, fil-kuntest tal-obbligu ta' tluq hija element essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn, b'mod li jekk illegalità hija kkonstatata dwar dan it-terminu, ikun hemm dekadenza tad-deċiżjoni ta' ritorn fl-intier tagħha u għandha tittieħed deċiżjoni ta' ritorn ġdida?

   Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-rifjut li jingħata terminu ma huwiex element essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn, u fl-ipoteżi fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel użu, fil-kuntest tal-Artikolu 7[(1)] tad-Direttiva 2008/115, mill-possibbiltà li ma jiġix stabbilit terminu ħlief fuq it-talba taċ-ċittadin ikkonċernat [ta' pajjiż terz], liema hija l-portata prattika u s-saħħa eżekuttiva ta' deċiżjoni ta' ritorn, fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, fejn l-element rigward it-terminu ma jibqax japplika?"

Il-Kawża C-637/23

26 X jiddikjara li ilu li wasal fil-Belġju sentejn, li joqgħod ma' ħuh u li huwa ta' nazzjonalità Alġerina.

27 Fis-27 ta' Jannar 2023, X ġie detenut wara rapport amministrattiv ta' kontroll ta' barrani.

28 Fit-28 ta' Jannar 2023, X ġie kkomunikat lilu ordni għat-tluq mit-territorju b'teħid lura lejn il-fruntiera u żamma sat-tneħħija, kif ukoll bi projbizzjoni ta' dħul ta' sentejn. Ebda terminu ma ngħata għat-tluq volontarju.

29 Fir-rigward tar-raġuni li għaliha ma ngħata ebda terminu għal tluq volontarju lil X, huwa indikat li jeżisti riskju ta' ħarba, fis-sens tal-Artikolu 74/14(3)(1°) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980. In-nuqqas ta' għoti ta' tali terminu huwa mmotivat b'mod partikolari kif ġej:

"1 Il-persuna kkonċernata ma għamlitx applikazzjoni għal residenza jew għal protezzjoni internazzjonali wara d-dħul illegali tagħha jew matul ir-residenza illegali tagħha jew fit-terminu mogħti minn din il-liġi.

Il-persuna kkonċernata tallega li ilha sentejn tirrisjedi fil-Belġju. Il-fajl amministrattiv ma jurix li hija pprovat tirregolarizza r-residenza tagħha bil-mod previst mil-liġi.

3 Il-persuna kkonċernata ma tikkollaborax jew ma kkollaboratx fir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet.

Il-persuna kkonċernata ma ppreżentatx ruħha fil-Komun fit-terminu [legali] u ma tipproduċi ebda prova li qed toqgħod fil-lukanda." [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

30 Il-ħelsien ta' X ġie ordnat permezz ta' sentenza tas-6 ta' Frar 2023 tat-tribunal de première instance du Hainaut, Mons (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Hainaut, Sezzjoni ta' Mons, il-Belġju), li ġiet ikkonfermata fl-appell permezz ta' sentenza tal-21 ta' Frar 2023 taċ-chambre des mises en accusation (l-Awla tat-Tqegħid Taħt Att tal-Akkuża) tal-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju).

31 Permezz ta' rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2023, X mar quddiem il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju), li huwa l-qorti tar-rinviju, b'rikors intiż għas-sospensjoni u għall-annullament tal-ordni għat-tluq mit-territorju b'deportazzjoni u tal-projbizzjoni ta' dħul, meħuda fil-konfront tiegħu fit-28 ta' Jannar 2023.

32 Quddiem din il-qorti, fir-rigward ta' din l-ordni ta' tluq mit-territorju b'teħid lura lejn il-fruntiera, X isostni essenzjalment li l-Istat Belġjan ma osservax l-obbligu tiegħu li jwettaq eżami individwali qabel ma jistabbilixxi riskju ta' ħarba. X isostni wkoll li ma huwiex suffiċjenti li jsir riferiment għall-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 1(2) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 iżda għandu wkoll jiġi ġġustifikat liema minn dawn il-kriterji japplika f'dan il-każ. Skont X, fil-motivazzjoni tal-imsemmi ordni jew fil-fajl amministrattiv xejn ma jippermetti li jifhem għaliex l-Istat Belġjan ibbaża ruħu fuq kwalunkwe riskju ta' ħarba sabiex jeskludi l-perijodu ordinarju ta' 30 jum previst f'din il-liġi. Fir-rigward ta' din il-projbizzjoni fuq id-dħul, X jargumenta li din hija mmotivata wkoll b'mod inadegwat u insuffiċjenti sa fejn hija bbażata fuq riskju ta' ħarba li X. irrappreżenta.

33 Mistoqsi waqt is-seduta quddiem l-imsemmija qorti dwar in-natura tad-deċiżjoni li ma jingħatalux terminu għat-tluq mit-territorju Beġjan, X isostni li, peress li din id-deċiżjoni għandha effetti ġuridiċi, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda d-detenzjoni u l-projbizzjoni ta'

dħul, hija ma tikkostitwixxix biss sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni u għalhekk għandha tkun tista' tiġi kkontestata ġudizzjarjament. Min-naħa tiegħu, l-Istat Belġjan isostni li l-imsemmija deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata.

34 Mistoqsi fl-istess seduta dwar iż-żamma tal-interess li tiġi kkontestata d-deċiżjoni ta' teħid lura lejn il-fruntiera, l-Istat Belġjan iqis li fid-dawl tal-ħelsien ta' X, dan l-interess spiċċa. Dwar dan il-punt, X iħalli f'idejn il-qorti tar-rinviju, li tqis li, peress li X ġie lliberat, ir-rikors huwa null sa fejn jirrigwarda din id-deċiżjoni.

35 B'hekk, f'dan il-kuntest, din il-qorti tistaqsi dwar jekk in-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' ritorn għandux jitqies li jikkostitwixxi sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin barrani kkonċernat. Barra minn hekk, hija tistaqsi jekk id-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u mill-Artikolu 47 tal-Karta jimplikax li tkun tista' tiġi kkontestata, fil-kuntest ta' appell kontra d-deċiżjoni ta' ritorn, il-legalità ta' deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju, jekk fin-nuqqas ta' dan, il-legalità tal-bażi ġuridika tal-projbizzjoni ta' dħul ma tkunx tista' iktar tiġi kkontestata b'mod utli. Fl-aħħar nett, hija tistaqsi dwar jekk dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju, fil-kuntest tal-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn deċiżjoni ta' ritorn, tikkostitwixxix element essenzjali ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn, b'tali mod li, jekk tiġi kkonstatata illegalità fir-rigward ta' dan it-terminu, l-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn tiskadi fl-intier tagħha u għandha tittieħed deċiżjoni ta' ritorn ġdida.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(4), tal-Artikolu 8(1) u (2) u tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva [2008/115], moqrija flimkien jew separatament fid-dawl tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u tal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għal tluq volontarju jitqies bħala sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni ġuridika taċ-ċittadin barrani kkonċernat, peress li l-għoti jew in-nuqqas ta' għoti ta' terminu għal tluq volontarju ma jbiddel xejn mill-ewwel konstatazzjoni tar-residenza irregolari fit-territorju?

Barra minn hekk, id-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u mill-Artikolu 47 tal-[Karta], jimplika li tkun tista' tiġi kkontestata, fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' ritorn, il-legalità ta' deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju, jekk fin-nuqqas ta' dan, il-legalità tal-bażi ġuridika tal-projbizzjoni ta' dħul ma tkunx tista' iktar tiġi kkontestata b'mod utli?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-kliem 'tipprevedi perijodu adegwat' tal-Artikolu 7(1) u 'u […] l-obbligu ta' ritorn', tal-punt 4 tal-Artikolu 3 [ta' din id-direttiva] għandhom jiġu interpretati fis-sens li dispożizzjoni dwar it-terminu, jew, fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' għoti ta' terminu, fil-kuntest tal-obbligu ta' tluq tikkostitwixxi element essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn, b'mod li jekk tiġi kkonstatata illegalità fir-rigward ta' dan it-terminu, id-deċiżjoni ta' ritorn issir nulla u bla effett fl-intier tagħha u jkollha tittieħed deċiżjoni ġdida ta' ritorn?

Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tal-fehma li r-rifjut li jingħata terminu ma huwiex element essenzjali tad-deċiżjoni ta' ritorn, u fl-ipoteżi fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel użu, fil-kuntest tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2008/115, mill-possibbiltà li jiffissa terminu biss fuq talba taċ-ċittadin ikkonċernat [ta' pajjiż terz], x'portata prattika u x'saħħa eżekuttiva għandhom jingħataw lil deċiżjoni ta' ritorn, fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, li tkun tiġi mċaħħda mill-komponent tagħha relatat mat-terminu?"

Fuq id-domandi preliminari

L-ewwel domanda preliminari tal-Kawża C-636/23 kif ukoll l-ewwel parti tal-ewwel domanda tal-Kawża C-637/23

37 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-636/23, kif ukoll permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda fil-Kawża C-637/23, li hemm lok li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(1) u (2) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju jitqies li jikkostitwixxi sempliċi miżura ta' infurzar li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz, peress li l-għoti jew le ta' dan it-terminu ma jaffettwax il-konstatazzjoni tar-residenza irregolari ta' dan iċ-ċittadin fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

38 Fir-rigward tan-natura ġuridika ta' deċiżjoni ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi bi preċiżjoni l-proċedura li għandha tiġi applikata minn kull Stat Membru għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment u tiffissa l-ordni tad-diversi stadji separati ta' din il-proċedura (sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 34).

39 L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jipprevedi, prinċipalment, obbligu, għall-Istati Membri, li jieħdu deċiżjoni li tordna r-ritorn kontra kull ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tagħhom. Fil-kuntest ta' dan l-istadju inizjali tal-proċedura ta' ritorn, għandha tingħata prijorità, ħlief għal eċċezzjonijiet, għall-eżekuzzjoni volontarja tal-obbligu li jirriżulta mid-deċiżjoni ta' ritorn, kif jirriżulta mill-premessa 10 tal-imsemmija direttiva. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jipprevedi terminu xieraq li jmur minn seba' sa tletin jum għat-tluq volontarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punti 35 u 36).

40 Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jastjenu milli jagħtu tali terminu jew jistgħu jagħtu terminu ta' inqas minn sebat ijiem fil-preżenza ta' ċirkustanzi partikolari espressament elenkati fl-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva, jiġifieri jekk jeżisti riskju ta' ħarba, jew jekk applikazzjoni għal residenza tkun ġiet miċħuda bħala manifestament infondata jew frawdolenti jew jekk il-persuna kkonċernata tkun ta' riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 37).

41 Meta Stat Membru jastjeni milli jagħti terminu għat-tluq volontarju, kif ukoll f'sitwazzjoni fejn l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie osservat fit-terminu mogħti għat-tluq volontarju, l-Artikolu 8(1) u (4) tad-Direttiva 2008/115 jimponi lil dan l-Istat Membru l-obbligu ta' tneħħija, billi jittieħdu

l-miżuri kollha neċessarji, inkluż, jekk ikun il-każ, miżuri koerċittivi, b'mod proporzjonat u fir-rispett tad-drittijiet fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 38).

42 Mill-banda l-oħra, mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li, jekk l-Istat Membru jkun ta perijodu għat-tluq volontarju skond l-Artikolu 7, id-deċiżjoni ta' ritorn tista' tiġi nfurzata biss wara li l-perijodu jkun intemm, sakemm ma jirriżultax riskju matul dan il-perijodu, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4).

43 B'hekk, l-ordni ta' eżekuzzjoni tal-istadji tal-proċedura ta' ritorn stabbilita bid-Direttiva 2008/115 tikkorrispondi mal-gradazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fid-dawl tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, gradazzjoni li tmur mill-miżura li tħalli l-iktar libertà lill-persuna kkonċernata, jiġifieri l-għoti ta' terminu għat-tluq volontarju, għall-miżuri restrittivi li jillimitawha l-iktar, jiġifieri d-detenzjoni f'ċentru speċjalizzat, fejn l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha tiġi dejjem żgurata matul dawn l-istadji kollha (sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 41).

44 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li deċiżjoni ta' ritorn ma tistax tiġi eżegwita immedjatament għas-sempliċi raġuni li l-persuna kkonċernata tirrisjedi illegalment fl-Istat Membru kkonċernat, ħlief fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/115.

45 Għaldaqstant, deċiżjoni dwar l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju twassal għal konsegwenzi legali immedjati, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma obbligati jimplimentaw.

46 Barra minn hekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 jipprevedi li projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi irregolarment jekk ma jkun ingħata ebda terminu għat-tluq volontarju jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie osservat.

47 Il-konstatazzjoni ta' dawn il-konsegwenzi legali ta' deċiżjoni dwar l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju taqa' taħt l-għan tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, peress li, billi jipprevedi li l-Istati Membri huma, bħala prinċipju, obbligati jagħtu terminu għat-tluq volontarju liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment, dan l-artikolu huwa intiż, b'mod partikolari, li jiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali ta' dawn iċ-ċittadini waqt l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn meħuda taħt l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, skont l-Artikolu 79(2) TFUE, l-għan segwit mill-imsemmija direttiva, kif jirriżulta mill-premessi 2 u 11 tagħha, huwa li tiġi stabbilita politika effettiva ta' tneħħija u ta' ripatrijazzjoni bbażata fuq regoli u fuq garanziji ġuridiċi komuni, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu rripatrijati b'mod uman u b'osservanza sħiħa tad-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O., C-554/13, EU:C:2015:377, punt 47).

48 Il-fatt li l-għoti ta' terminu għat-tluq volontarju ma jbiddilx in-natura irregolari tar-residenza fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat bl-ebda mod ma jinvalida din l-interpretazzjoni. Għalkemm huwa minnu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' f'residenza irregolari matul it-terminu mogħti lilu għar-ritorn volontarju tiegħu, xorta jibqa' l-fatt li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-assenza ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju tipproduċi, kif ġie kkonstatat fil-punt 45 ta' din is-sentenza, konsegwenzi sinjifikattivi fuq is-sitwazzjoni legali ta' dan iċ-ċittadin.

49 Fl-aħħar nett, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni koperta fl-Artikoli 16 u 17, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sa fejn ikun possibbli jitqiesu l-prinċipji li ġejjin fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-perijodu għat-tluq volontarju: il-prinċipji li tinżamm l-għaqda tal-familja ma' membri tal-familja preżenti fit-territorju tagħhom; li jingħataw kura tas-saħħa f'emerġenza u trattament essenzjali ta' mard; li jingħata aċċess lill-minuri għas-sistema bażika tal-edukazzjoni suġġett għat-tul tar-residenza tagħhom, u jittieħed kont tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

50 Konsegwentement, deċiżjoni dwar l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju ma tistax titqies li tikkostitwixxi sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-636/23 u l-ewwel parti tal-ewwel domanda fil-Kawża C-637/23, għandha tkun li l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(1) u (2) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li n-nuqqas ta' għoti ta' terminu għat-tluq volontarju jitqies li jikkostitwixxi sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz.

Fuq it-tielet parti tat-tieni domanda fil-Kawża C-636/23 kif ukoll it-tieni parti tal-ewwel domanda tal-Kawża C-637/23

52 Permezz tat-tielet parti tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-636/23 u t-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha il-Kawża C-636/23, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi li deċiżjoni li ma tingħatax terminu għat-tluq volontarju tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors kontenzjuż.

53 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva jiggarantixxi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat rimedju effettiv sabiex jikkontesta d-deċiżjonijiet ta' ritorn, id-deċiżjonijiet ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Istati Membri u d-deċiżjonijiet ta' tneħħija, quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti kompost minn membri imparzjali u li jgawdu minn garanziji ta' indipendenza.

54 Dawn il-garanziji proċedurali, flimkien ma' dawk previsti fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/115, jiġifieri l-obbligu, għall-Istati Membri, li jagħtu d-deċiżjonijiet ta' ritorn tagħhom bil-miktub, billi jindikaw ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt u billi jippreċiżaw ir-rimedji ġudizzjarji, jiżguraw il-protezzjoni u d-difiża tal-persuna kkonċernata kontra deċiżjoni li taffettwaha b'mod sfavorevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida, C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 58).

55 B'mod partikolari, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li tadotta deċiżjoni ta' ritorn, din l-awtorità għandha tisma' lill-persuna kkonċernata dwar dan is-suġġett. Mid-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn jirriżulta l-obbligu, għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jippermettu l-persuna kkonċernata tesprimi l-opinjoni tagħha dwar il-modalitajiet tar-ritorn tagħha, jiġifieri t-terminu għat-tluq u n-natura volontarja jew vinkolanti tar-ritorn. B'hekk, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment ikkonċernat ikollu l-okkażjoni jikkontesta, jekk ikun jixtieq, l-evalwazzjoni magħmula mill-amministrazzjoni tas-sitwazzjoni tiegħu fil-kuntest ta' rikors kontenzjuż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida, C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 49, 51 u 57).

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, rimedju effettiv għandu jiġi ggarantit kemm fir-rigward tad-deċiżjoni dwar jekk jingħatax jew le terminu għat-tluq volontarju kif ukoll fir-rigward tat-tul ta' dan it-terminu. Fil-fatt, iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għandu jkun jista' jikkontesta quddiem qorti jew istanza imparzjali simili deċiżjoni li ma tagħtihx terminu għat-tluq volontarju, adottata skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/115, kif ukoll għandu jkun jista' jsostni li t-terminu għat-tluq li ngħatalu konformement ma' dan l-Artikolu 7(1) ma huwiex xieraq.

57 Hemm lok li r-risposta għat-tielet parti tat-tieni domanda fil-Kawża C-636/23 u għat-tieni parti tal-ewwel domanda fil-Kawża C-637/23, hija li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi li deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju jista' jiġi kkontestat fil-kuntest ta' rikors kontenzjuż.

Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni domanda fil-Kawża C-636/23

58 Permezz tal-ewwel u tat-tieni parti tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-636/23, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda f'din il-kawża, jekk it-termini "li jakkumpanja" u "ikunu akkumpanjati", li jinsabu rispettivament fil-punt 6 tal-Artikolu 3 u fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-awtorità nazzjonali kompetenti timponi projbizzjoni fuq id-dħul, anki wara terminu kunsiderevoli, abbażi ta' deċiżjoni ta' ritorn li ma tagħti ebda terminu għat-tluq volontarju.

59 Għandu jitfakkar li l-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115 jiddefinixxi l-"projbizzjoni fuq id-dħul" bħala "deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn". Din id-deċiżjoni tal-aħħar hija ddefinita fil-punt 4 tal-Artikolu 3 bħala "deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn".

60 Skont il-premessa 14 tad-Direttiva 2008/115, projbizzjoni fuq id-dħul hija intiża sabiex tipprojbixxi lid-destinatarju milli jidħol jew jirrisjedi fit-territorju tal-Istati Membri kollha, u tagħti għalhekk "dimensjoni Ewropea" lill-effetti ta' miżuri nazzjonali ta' ritorn.

61 Kif tfakkar fil-punt 46 ta' din is-sentenza, skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva "Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew, jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat. F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul".

62 Mill-formulazzjoni tal-punti 1 u 6 tal-Artikolu 3 kif ukoll tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li "projbizzjoni fuq id-dħul" hija maħsuba sabiex tikkompleta deċiżjoni ta' ritorn, billi tipprojbixxi lill-persuna kkonċernata għal żmien determinat wara r-"ritorn" tagħha, kif din il-kelma hija ddefinita fil-punt 3 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, u għalhekk wara t-tluq tagħha mit-territorju tal-Istati Membri, milli tidħol mill-ġdid f'dan it-territorju u sussegwentement tirrisjedi hemmhekk. Konsegwentement, projbizzjoni fuq id-dħul tipproduċi l-effetti tagħha biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata effettivament titlaq mill-imsemmi territorju (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Westerwaldkreis, C-546/19, EU:C:2021:432, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Minn dan isegwi li l-kliem "li jakkumpanja" u "ikunu akkumpanjati", li jinsabu rispettivament fil-punt 6 tal-Artikolu 3 u fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115, jistgħu jiġu assimilati mat-terminu "jissupplimentaw", fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 62 ta' din is-sentenza.

64 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 66 sa 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma użatx il-verb "jissupplimenta" fis-sens li projbizzjoni fuq id-dħul tista' tintrabat biss simultanjament jew wara terminu qasir ma' deċiżjoni ta' ritorn li ma tagħtix terminu għat-tluq volontarju, iżda fis-sens li "tkun komplementari" għal din id-deċiżjoni, u tirreferi għal rabta materjali li skontha l-imsemmija deċiżjoni tikkostitwixxi, bħala prinċipju, kundizzjoni minn qabel neċessarja għall-validità ta' din il-projbizzjoni fuq id-dħul.

65 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-formulazzjoni tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115. Fil-fatt, mhux biss l-ipoteżi ta' projbizzjoni fuq id-dħul adottata bħala konsegwenza tal-fatt li ma ngħata ebda terminu għat-tluq volontarju, kif imsemmi mill-qorti tar-rinviju u previst f'dan l-Artikolu 11(1)(a), ma teħtieġ ebda rabta ta' simultanjetà bejn id-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni ta' dħul ikkonċernati, iżda l-ipoteżi msemmija fl-imsemmi Artikolu 11(1) b) teskludi espliċitament tali rabta, peress li din tirrigwarda projbizzjoni fuq id-dħul imposta wara deċiżjoni ta' ritorn.

66 Għaldaqstant, l-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex toħroġ projbizzjoni fuq id-dħul flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn li ma tkunx tat terminu għat-tluq volontarju ma hijiex obbligata tadotta din id-deċiżjoni u din il-projbizzjoni fuq id-dħul simultanjament, u lanqas fi żmien qasir wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn.

67 Ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni parti tat-tieni domanda fil-Kawża C-636/23 għandha tkun li l-punt 6 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-awtorità nazzjonali kompetenti timponi wkoll projbizzjoni ta' dħul, anki wara perijodu ta' żmien kunsiderevoli, abbażi ta' deċiżjoni ta' ritorn li ma tagħti ebda terminu għat-tluq volontarju.

Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-636/23 u t-tieni domanda fil-Kawża C-637/23

68 Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-636/23 u tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-637/23, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 4 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-illegalità tad-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju li tinsab f'deċiżjoni ta' ritorn twassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn fl-intier tagħha. Fin-negattiv, u fl-ipoteżi fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel użu mill-possibbiltà, prevista f'dan l-Artikolu 7(1), li l-imsemmi terminu jiġi ffissat biss wara applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema hija l-portata prattika u s-saħħa eżekuttiva ta' deċiżjoni ta' ritorn li tkun imċaħħda mill-imsemmija dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju.

69 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2008/115, "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jiddikjara illegali r-residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz u li jimponi jew jiddikjara obbligu ta' ritorn. Skont il-punt 3 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, dan l-obbligu ta' ritorn jimponi fuq il-persuna kkonċernata li tidħol lura jew fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew f'pajjiż ta' tranżitu, jew f'pajjiż terz ieħor li fih hija tiddeċiedi li tirritorna

volontarjament u li fit-territorju tiegħu hija ser tiġi ammessa (sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 114).

70 Mill-formulazzjoni stess tal-punt 4 ta' dan l-Artikolu 3 jirriżulta li l-fatt li jiġi impost jew iddikjarat obbligu ta' ritorn jikkostitwixxi wieħed miż-żewġ elementi li jikkostitwixxu deċiżjoni ta' ritorn, peress li tali obbligu ta' ritorn ma jistax jiġi kkonċepit, fid-dawl tal-punt 3 imsemmi l-artikolu, mingħajr l-identifikazzjoni ta' destinazzjoni, li għandha tkun waħda mill-pajjiżi msemmija f'dan il-punt 3 (sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, point 115).

71 Minn dan isegwi li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti temenda l-pajjiż ta' destinazzjoni msemmi f'deċiżjoni ta' ritorn preċedenti, hija tagħmel emenda tant sostanzjali għal din id-deċiżjoni ta' ritorn li hija għandha titqies li adottat deċiżjoni ġdida ta' ritorn, fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115 (sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 116).

72 Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, b'analoġija mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 69 sa 71 ta' din is-sentenza, id-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju li tinsab f'deċiżjoni ta' ritorn tagħmilx parti integrali mill-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn din id-deċiżjoni, b'tali mod li illegalità li tivvizzja din id-dispożizzjoni jkollha l-effett li l-imsemmija deċiżjoni ssir nulla fl-intier tagħha.

73 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "ritorn", kif previst fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, tirreferi espressament għan-natura volontarja jew vinkolanti tar-ritorn. Skont din id-definizzjoni, l-għan ta' obbligu ta' ritorn huwa l-fatt, għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li jirritorna, b'konformità volontarja jew bil-forza, f'wieħed mill-pajjiżi msemmija f'din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, id-deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità nazzjonali kompetenti tiddeċiedi dwar l-għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju tagħmel parti integrali minn dan l-obbligu.

74 Barra minn hekk, mill-punt 56 ta' din is-sentenza jirriżulta li rimedju effettiv għandu jiġi ggarantit kemm fir-rigward tad-deċiżjoni dwar jekk jingħatax jew le terminu għat-tluq volontarju kif ukoll fir-rigward tat-tul ta' dan it-terminu.

75 Minn dan jirriżulta li jekk tiġi kkonstatata illegalità fir-rigward tad-deċiżjoni dwar jekk jingħatax jew le terminu għat-tluq volontarju jew dwar it-tul ta' dan it-terminu, id-deċiżjoni ta' ritorn ikkonċernata għandha tiġi annullata fl-intier tagħha.

76 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-għan li għandu jiġi segwit mid-Direttiva 2008/115, kif imfakkar fil-punt 47 ta' din is-sentenza, li jikkonsisti fl-istabbiliment ta' politika effettiva ta' tneħħija u ta' ripatrijazzjoni bbażata fuq standards u garanziji ġuridiċi komuni, għar-ritorn tal-persuni kkonċernati b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif ukoll tad-dinjità tagħhom.

77 Hija wkoll konformi mal-premessa 6 tad-Direttiva 2008/115, li tgħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta' residenza illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Din il-premessa tgħid ukoll li, skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda skont din id-direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u

abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li l-kunsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' residenza illegali. B'mod partikolari, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha tiġi dejjem żgurata matul l-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn stabbilita mill-imsemmija direttiva, inkluż l-istadju relatat mal-proċedura ta' ritorn, li fil-kuntest tiegħu l-Istat Membru kkonċernat għandu jippronunzja ruħu dwar l-għoti ta' terminu għat-tluq volontarju taħt l-Artikolu 7 ta' din l-istess direttiva (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O., C-554/13, EU:C:2015:377, punt 49).

78 Għaldaqstant, il-kunċett ta' "obbligu ta' ritorn", bħala element kostituttiv tad-deċiżjoni li tordna r-ritorn, għandu jinftiehem b'mod li jirrifletti l-bilanċ bejn l-effettività tal-politika ta' tneħħija u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 81 tal-konklużjonijiet tiegħu. Kull interpretazzjoni li tipprevedi li d-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju ma tagħmilx parti integrali mill-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn din id-deċiżjoni twassal sabiex tikkomprommetti tali bilanċ u b'hekk tmur kontra l-għan tad-Direttiva 2008/115.

79 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-interpretazzjoni adottata fil-punt 75 ta' din is-sentenza ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, li terminu għat-tluq volontarju jingħata biss wara applikazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz.

80 F'tali ipoteżi, din id-dispożizzjoni tindika l-għażla li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni proċedurali li għaliha hija suġġetta l-evalwazzjoni dwar tali terminu. Issa, l-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija wkoll suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, konformement mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, moqri fid-dawl tal-premessi 6 u 10 ta' din id-direttiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta. Minn dan isegwi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tiegħu, li illegalità li tivvizzja l-istess dispożizzjoni taffettwa l-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit mid-deċiżjoni ta' ritorn ikkonċernata u, konsegwentement, din id-deċiżjoni fl-intier tagħha.

81 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li l-annullament tad-deċiżjoni ta' ritorn fl-intier tagħha ma jaffettwax l-għan ta' effettività tal-politika ta' tneħħija, li tfittex id-Direttiva 2008/115, peress li dan l-annullament ma jimplikax neċessarjament li l-proċedura miftuħa skont din id-direttiva titkompla mill-bidu nett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 75) u ma jipprekludix, jekk ikun il-każ, lill-awtorità kompetenti milli tadotta deċiżjoni ta' ritorn ġdida li tinkludi l-miżuri neċessarji sabiex tiġi rrimedjata l-irregolarità kkonstatata (ara b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, CM Eurologistik u GLS, C-283/14 u C-284/14, EU:C:2016:57, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

82 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-636/23 u għat-tieni domanda fil-Kawża C-637/23 għandha tkun li l-punt 4 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju li tinsab f'deċiżjoni ta' ritorn tagħmel parti integrali mill-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn din id-deċiżjoni, b'tali mod li jekk illegalità tiġi kkonstatata fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju, l-imsemmija deċiżjoni għandha tiġi annullata fl-intier tagħha.

Fuq l-ispejjeż

83 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(1) u (2) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu li għoti jew le ta' terminu għat-tluq volontarju jew titqies li tikkostitwixxi sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

2) L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

deċiżjoni li ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors kontenzjuż.

3) Il-punt 6 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux li l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' wkoll timponi projbizzjoni ta' dħul, anki wara perijodu ta' żmien kunsiderevoli, abbażi ta' deċiżjoni li tordna r-ritorn li permezz tagħha ma jkun ingħata ebda terminu għat-tluq volontarju.

4) Il-punt 4 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva 2008/115

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

id-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju li tinsab f'deċiżjoni ta' ritorn tagħmel parti integrali mill-obbligu ta' ritorn impost jew stabbilit minn din id-deċiżjoni, b'tali mod li jekk illegalità tiġi kkonstatata fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni dwar it-terminu għat-tluq volontarju, l-imsemmija deċiżjoni għandha tiġi annullata fl-intier tagħha.

Firem